MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## MARSEANN FARRUGIA

Seduta ta' l-10 ta' Novembru, 2014

Numru. 37/2005

**Il-Pulizija**

**(Spettur Pierre Grech)**

**Vs.**

**Paul Philip Caruana**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Paul Philip Caruana ta' 33 sena bin George u Helen Joan nee Delicata, mwieled Melboune Australia, fil-15.12.1970 u residenti Plot 40, Triq it-Tenud tax-Xaghjri, Mosta detentur tal-karta tal-identita' nru 524386(M).

Akkuzat talli f'dawn il-gzejjer fit-3 ta' Awwissu, 2004 u fil-jiem ta' qabel kellu fil-pussess tieghu d-droga kokajina, specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u tas-6 Taqsima tal-Ordinanza, u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzati li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u ma kienx b'xi mod iehor, bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu fil-pussess tieghu dina d-droga, u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontrol Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentment ammendati u bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kienitx ghall-uzu esklussiv tieghu.

Il-Qorti hija mitluba sabiex tissekwestra f'idejn terzi persuni b'mod generali l-flejjes u l-proprjeta' mobbli jew imobbli kollha li jkunu dovuti lil jew ikunu jmissu lill-imputat jew huma proprjeta' tieghu, kif ukoll sabiex il-Qorti tipprojbixxi lill-imputat milli jitrasferixxi jew xort'ohra jiddisponi minn xi proprjeta' mobbli jew imobbli.

Il-Qorti hija wkoll mitluba sabiex tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjes li ghandu x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni tal-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu tnejn (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

Semghet it-trattazzjonijiet finali tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

**Il-Fatti**

Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma s-segwenti:

1. Fit-3 ta' Awwissu 2004, l-imputat gie mwaqqaf mill-Pulizija fil-vettura tieghu Peugeot 106 f'Mill Street, Hal-Qormi, quddiem il-Frankit Garage.
2. Saret tfittxija fuq il-persuna tieghu u fil-but tal-qalziet kellu borza tal-plastic b'xi trab abjad u xi flus kontanti fl-ammont ta' LM347.00.
3. Fis-cigarette ashtray tal-vettura tieghu instabet borza ohra li kien fiha trab abjad u taht ir-*rear passenger seat* instabu flus kontanti li jammontaw ghal LM750.
4. Saret ukoll tfittxija fir-residenza tieghu li rrizultat fin-negattiv.
5. Mir-relazzjoni tal-Ispizjar Mario Mifsud irrizulta li l-piz tal-boroz kien ta' 9.670g u 5.021g rispettivament u kien fihom id-droga kokajina. Il-piz nett totali kien ta' 14.691 grammi u l-purita tal-kokajina kienet ta' 40%.

**Kunsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

Fix-xhieda tieghu quddiem din il-Qorti,[1] l-imputat ma cahadx li d-droga u li flus li instabu kienu tieghu. Huwa spjega li huwa ilu fil-business tal-bini ghal dawn l-ahhar hmistax (15)-il sena. Wara li spicca x-xoghol fl-4.00p.m. cempel lil terza persuna u mar jixtri minghandha ghaxar (10) grammi kokajina. Huwa jghid li peress li kien sejjer hmistax (15)-il gurnata Ghawdex mal-gharusa tieghu, deherlu li kellu jixtri hames (5) grammi ohra ghax ried juzahom kuljum, ghax hu f'weekend kien juza zewg (2) jew tlett (3) grammi. Fi triqtu lejn Hal-Qormi hu ha zewg lines minnhom u kien ghalhekk, li l-pulizija sabu ftit inqas minn hmistax (15)-il gramma.

L-imputat xehed li hu normalment kien jiehu l-kokajina il-Gimgha u s-Sibt u kien jiehu bejn zewg (2) u (3) grammi. L-gharusa tieghu ma kienitx tabbuza mill-kokajina. Gieli kien jiehu fost il-gimgha, imma xi naqriet. Il-Hadd ma kienx jiehu, u kien ikollu hangover u ugiegh ta' ras. L-imputat xehed li Ghawdex kien qed jikkalkula li jikkonsma gramma kuljum, u kien ghalhekk li ikkalkula li ghaxar (10) grammi mhux se jservuh. Ghawdex seta' jikkonsma iktar ghax ma kienx se jkollu xoghol u kien se jkun liberu il-gurnata kollha.

[1] Ara xhieda tal-imputat a fol. 93 *et seq.* tal-process.

L-imputat xehed ukoll li hu kien mar Hal-Qormi ghax kien miftiehem ma' tal-Frankit Garage li se jixtri xi affarijiet ghal vann tieghu u ried ihallsu. Colin Tonna li jiggestixxi il-Frankit Garage ikkonferma li dak in-nhar l-imputat kellu jmur ghandu biex jixtri xi parts ghal van li b'kollox kienu jammontaw ghal cirka LM1100.[2]

Ghalhekk il-kwistjoni li din il-Qorti trid tiddeciedi hi jekk id-droga li instabet fuq l-imputat kienitx intiza ghal uzu tieghu personali kif qieghed jissottometti hu jew li ma kienitx intiza ghall-uzu esklussiv tieghu kif qed tissottometti l-Prosekuzzjoni.

Fis-sentenza **Il-Pulizija The Police v. Jason Mallia**, deciza fit-2 ta' Settembru 199, il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri)[3] irriteniet illi: *"Qabel xejn ghandu jigi precisat li mhux korrett li wiehed jghid li biex jikkonfigura r-reat ta' pussess bl-aggravanti kontemplata fl-Artikolu 22(2)(b)(i) tal-Kap.101 irid ikun hemm provi li juru li l-pussessur kellu l-animus li jispacca d-droga. Jekk tigi ppruvata, mic-cirkostanzi, tali intenzjoni allura certament dak il-pussess ma jkunx ghall-uzu esklussiv tal-pussessur. Izda tali intenzjoni* <u>*mhix mehtiega*</u> *ghall-finijiet tal-aggravanti in kwistjoni. Dak li l-ligi tirrikjedi hu li jigu pruvati cirkostanzi li jissodisfaw lill-Qorti sal-grad tal-konvinciment morali "li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu ekslussiv tal-hati."* (enfasi ta' dik il-Qorti)

In oltre, fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Marius Magri** deciza fit-12 ta' Mejju 2005, il-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri)[4] osservat li kawzi li jikkoncernaw imputazzjonijiet ta' pussess aggravat: *"... ... mhux l-ewwel darba li jipprezentaw certa diffikolta biex wiehed jiddetermina jekk id-droga li tkun instabet kienitx intiza ghall-uzu personali jew biex tigi spaccata. Il-principju regolatur f'dawn il-kazijiet hu li l-Qorti trid tkun sodisfatta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni u a bazi tal-provi li jingabu mill-prosekuzzjoni li l-pussess tad-droga in kwistjoni ma kienx ghall-uzu esklussiv (jigifieri ghall-uzu biss) tal-pussessur. Prova, ossia cirkostanza wahda f'dan ir-rigward tista' skond ic-cirkostanzi tal-kaz, tkun bizzejjed (Ara App. Krim. "Il-Pulizija vs. Carmel Degiorgio" (26.8.1998). Meta l-ammont tad-droga jkun pjuttost sostanzjali, din tista' tkun cirkostanza li wahedha tkun bizzejjed biex tissodisfa lill-Qorti li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati (Ara Appell Kriminali: "Il-Pulizija vs. Carmel Spiteri" (2.9.1999)."*

[2] Ara xhieda ta' Colin Tonna a fol. 80-82 tal-process.
[3] *Per* Imhallef Vincent De Gaetano.
[4] Per Imhallef Joseph Galea Debono.

Din il-Qorti, wara li ikkunsidrat l-fatti kollha tal-kaz hija konvinta lill'hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni, li l-kokajina li instabet fil-pusess tal-imputat ma kienitx intiza ghall-uzu esklussiv tieghu, u dan ghar-ragunijiet segwenti:

1. Skont ix-xhieda stess tal-imputat huwa ma kienx *habitual user*, imma kien dak li jissejjah *weekend user*, jabbuza mid-droga kokajina nhar ta' Gimgha u Sibt. Ghalkemm gieli kien jikkonsma matul il-gimgha, dawn kienu jkunu *"naqriet"*. Fil-fatt il-Hadd ma kienx jiehu droga, ghaliex kien jispicca b'*hangover* u ugiegh ta' ras. Issa huwa notorjament risaput f'dan il-qasam li *the typical single dose* tal-kokaina hija ta' 0.5 grammi, u l-effett taghha jdum erba' (4) sa hames (5) sieghat. Anke jekk ghal grazzja tal-argument biss – ghax frankament din il-Qorti hija xettika hafna fuqha – li l-imputat kien jikkonsma bejn 2 sa 3 grammi kokajina bejn il-Gimgha u s-Sibt, certament ma hix kredibbli s-sottomissjoni tieghu li kien bi hsiebu jikkonsma gramma kokajina kuljum waqt li jkun Ghawdex. Dan ghaliex kif hu maghruf il-kokajina hija stimulant (biex iggib lil dak li jkun fuq tieghu) - u mhux kalmant (biex tikkalma lil dak li jkun). Fil-fatt din id-droga tigi tipikament abbuzata waqt il-*parties* sabiex min jabbuza minnha jibqa' mqajjem u jibqa' jizfen. Huwa tipiku li wara li jsir abbuz minnha, dak li jkun ikollu *hangover* – kif fil-fatt ammetta li kien ikollu *hangover* l-imputat nhar ta' Hadd. L-imputat *ex admisses* ma kienx *habitual user* u ghalhekk il-konsum ta' gramma kokajina kuljum ma kienx sostenibbli ghalih, anke jekk, kif qal hu Ghawdex ma kellu xejn x'jaghmel, ghaliex gismu ma kienx toleranti ghal dak il-konsum kollu ta' droga. Dan aktar u aktar meta wiehed jikkonsidra l-purita tad-droga kien wiehed gholi ta' 40%.[5]

2. L-imputat jghid li huwa kien se jaghmel hmistax (15)-il gurnata Ghawdex. Pero mill-booking tal-hotel li hu stess ipprezenta[6] huwa kien se jdum hemm mill-4 t'Awwissu sas-16 t'Awwissu 2005 – jigifieri tnax (12)-il gurnata – ghalhekk certament li ghaxar (10) grammi kienu altru milli sufficjenti.

3. L-imputat jghid li fi triqtu lejn Hal-Qormi huwa ha zewg linji kokajina. Fl-ewwel lok, il-Qorti tosserva li la fuq il-persuna tal-imputat u lanqas fil-vettura tieghu ma nstabu ghodda li jintuzaw ghall-abbuz tal-kokajina, bhat-tubu necessarju biex jigbidha bin-nifs minn imniehru. Fit-tieni lok, fix-xhieda tieghu huwa jinsisti li meta ha l-kokajina, ha mill-pakkett tal-5 grammi u mhux mill-pakkett tal-10 grammi, u allura kien il-pakkett tal-hames (5) grammi li kien bin-nieqes. Pero mir-rapport tal-ispizjar Mario Mifsud jirrizulta li kien hemm pakkett ta' 9.67 grammi u pakkett ta' 5.021 grammi. Ghalhekk, huwa l-pakkett tal-ghaxar (10) grammi li kien bin-nieqes u mhux il-pakkett tal-hames (5)

[5] Ara relazzjoni tal-Ispizjar Mario Mifsud ezebita bhala Dok MM1 fil-*Proces Verbal* a fol. 25 tal-process.
[6] Ara Dok PPC1 a fol. 104 tal-process.

grammi. Huwa ovvju li l-imputat qal li kien diga ikkonsma ftit mid-droga sabiex jiggustifika ghalfejn minflok hmistax (15)-il gramma, il-pulizija sabu ftit inqas.

4. Rigward l-ammont sostanzjali ta’ flus li nstabu in parte fuq il-persuna tal-imputat u in parte fil-vettura tal-imputat, l-imputat jghid li dawn kien se jhallas bihom lil Frankit Garage ghal gabina u spare parts ta’ vann. Pero jekk din l-ispjegazzjoni hija genwina, il-Qorti ma tistax tifhem ghalfejn l-imputat heba LM750.00 taht wiehed mis-seats tal-karozza. L-imputat ma tax spjegazzjoni ghal dan. Inoltre, l-imputat jghid li minhabba li gie arrestat proprju quddiem il-Frankit Garage, ma regghax mar ghandu biex jixtri dak li kellu bzonn ghax staha. Huwa mar jixtrihom minghand ir-Regina Auto Dealer. L-imputat jghid li lir-Regina Auto Dealer kien tah Lm100 u kien fadallu Lm1100 u ezebixxa l-ircevuti relattivi bhala Dok PPC 2 u PPC 3[7] Pero jekk wiehed ihares lejn dawn iz-zewg ircevuti, jinduna li dawn igibu l-istess data gioe 27 t’Ottubru 2004. Il-Qorti ma tistax tifhem ir-raguni ghala fl-istess gurnata l-imputat hallas id-depositu ta’ Lm100 (ricevuta numru 5042 – Dok PPC2), biex imbaghad prezumibilment iktar tard dak in-nhar stess, l-imputat hallas il-bilanc ta’ Lm1100 (ricevuta 5045 – Dok PPC 3. Depositu normalment jithalla ghax l-affarijiet ikunu se jinxraw aktar tard. L-imputat ma ta l-ebda spjegazzjoni ghal dan. Fid-dawl ta’ dan l-istat tal-provi u minkejja x-xhieda ta’ Colin Tabone tal-Frankit Garage, il-Qorti ma tqisx bhala wahda kredibbli din l-istorja ghala l-imputat mar quddiem il-Frankit Garage. Din hija biss storja ivvintata sabiex tati raguni “innocenti” ghalfejn l-imputat mar quddiem il-Frankit garage u ghalfejn kellu dak l-ammont ta’ flus fuqu.

Fid-dawl tas-suespost, il-Qorti hija konvinta sal-grad rikjest fil-kamp penali, li d-droga kokajina li kellu fuqu l-imputat ma kinietx intiza kollha ghal konsum esklussiv tieghu.

Pero ma giex pruvat sal-grad rikjest fil-kamp penali li l-flus li kellu fuqu l-imputat kienu gejjin mit-traffikar tad-droga – fil-fatt l-imputat ma hux akkuzat bi traffikar tad-droga.

**Konsiderazzjonijiet dwar il-Piena**

[7] Ezebitia a fol. 105 tal-process.

Dwar il-piena, il-Qorti ikkonsidrat li mill-fedina penali tal-imputat jirrizulta li huwa ghandu erba' (4) kundanni minn dawn il-Qrati, li minnhom tnejn huma ta' nuqqas ta' kopertura ta' assikurazzjoni taht il-ligijiet tas-sewqan u l-ohra hi ta' serq. Din l-ahhar kundanna kienet fl-1988, u l-ahhar kundanna hija fl-1994. Ghalhekk il-fedina penali tal-imputat mhix wahda allarmanti.

Il-Qorti hadet in konsiderazzjoni wkoll l-ammont ta' droga kokajina li instabet fuq l-imputat li kienet ta' 14.691 grammi, li minnhom johorgu circa 29 doza tipika (14.691g divizi 0.5g), li huwa ammont konsiderevoli.

Il-ligi thares b'lenti severa ferm lejn it-traffikar u l-pussess aggravat (pussess mhux ghall-uzu esklussiv) tad-droga, tant li tassoggetthom ghall-istess piena u fejn tigi ippruvata xi wahda minnhom, idejn il-Qorti ghar-rigward ta' piena hija marbuta, u m'ghandhiex xelta hlief li timponi piena ta' habs effettiv u multa kumulattivament. Dan ghaliex l-Artikolu 22(9) tal-Kapitolu 101 jaghmilha cara li "Id-disposizzjonijiet tal-artikoli 21 u 28A tal-Kodiċi Kriminali u d-disposizzjonijiet tal-Att dwar il-Probation ma jkunux applikabbli dwar xi persuna misjuba ħatja ta' reat kif imsemmi fis-subartikolu (2)(a)(i) jew fis-subartikolu (2)(b)(i): ... ..." Dan ifisser li f'kaz ta' sejbien ta' htija ta' traffikar, bhal fil-kaz odjern, il-Qorti ma tistax tati inqas mill-minimu tal-piena, ma tistax taghti sentenza sospiza u lanqas tista tapplika d-disposizzjonijiet tal-Att dwar il-Probation.

Huwa veru li jidher li l-hati issa qabad it-triq it-tajba u jidher li qata' l-vizzju tal-abbuz tad-droga.[8] Pero kif osservat tajjeb il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza **Il-Pulizija v. Joseph Cutajar** deciza fid-29 ta' Ottubru 2009 *"... ... (H)uwa minnu li hafna minn dawn il-kawzi qed jiehdu zmien konsiderevoli biex jigu decizi w fil-frattemp jista' jigri li l-hati jkun hareg mill-vizzju tad-droga, pero f'dawn il-kawzi mhux il-vizzju tad-droga ikun qed jigi punit, imma r-reat ta' spaccar ta' droga lil terzi bil-konsegwenzi serjissimi li dan ovvjament ikun gab mieghu. Hu dwar dan ir-reat li l-appellant ikun irid jaghmel il-kontijiet mas-socjeta."*

Fis-sentenza **Pulizija v. Charles Muscat**, deciza fid-9 ta' Mejju 2002, il-Qorti tal-Appell Kriminali irriteniet: *"Illi din il-Qorti specjalment f'kazijiet bhal dawn relatati ma pprokurar u traffikar ta' droga trid tibbilancja ukoll l-interess tal-appellant u tar-riforma tieghu bhala cittadin mal-aspett*

[8] Ara xhieda tal-imputat a fol. 101 u 102 tal-process, u x-xhieda ta' Dottor Mario Scerri a fol. 90 *et seq.* tal-process.

*punittiv u ta' deterrent ghalih u ghall-persuni ohra li imbarkaw jew behsiebhom jimbarkaw fuq attivita tant nociva ghas-socjeta bhala ma hu l-ispacc jew l-ipprokurar ta' droga, partikolarment fost persuni ta' eta tenera, fenomenu dan li ta' kulljum u kull ma jmur qed johloq pjaga fis-socjeta u bir-ragun jikkreja allarm socjali li jesigi li min jinstab hati ta' eghmil simili jahsad dak li jkun zergha f'termini ta' piena."*

Fuq l-istess binarju hija s-sentenza **Pulizija v. Mark Mifsud** deciza fis-6 ta' Dicembru 2002, fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali osservat hekk: *"Huwa veru li wiehed ghandu jiehu in konsiderazzjoni c-cirkostanzi personali tal-hati (inkluz xi progress seta' ghamel minn mindu tressaq il-qorti) b'mod li ma jinjorax ghal kollox ir-riabilitazzjoni, jew riabilitazzjoni potenzjali tieghu, pero meta si tratta ta' reati serji bhalma huma traffikar ta' droga, l-element tad-deterrent u tal-gustizzja mas-socjeta ghandu jipprevali fuq konsiderazzjonijiet ta' riabilitazzjoni. L-unika koncessjoni li din il-Qorti hi lesta li taghti lill-appellant hi tnaqqis ta' sena biex tirrifletti dik is-sena li huwa ghamel fil-programm residenzjali."* F'dan il-kaz, ma jirrizultax, li l-imputat ghamel xi programm residenzjali.

Rigward il-flus li nstabu fuq l-imputat u l-karozza tal-imputat, peress li ma hemmx prova sal-grad rikjest fil-kamp penali, li l-flus li kellu fuqu l-imputat kienu gejjin mit-traffikar tad-droga, il-Qorti mhix ser tordna l-konfiska tal-flus u tal-karozza.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet 4 u 6, l-Artikoli 22(1)(a), 22 (2) (b) (i) u (ii) tal-Kapitolu 101 u r-Regolamenti 4 u 9 tal-GN 292/1939 issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, u tikkundannah ghal tlett (3) snin prigunerija effettiva, kif ukoll tikkundannah ghall-hlas ta' multa ta' elfejn Euro (€2,000.00), li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsin Euro (€50.00). L-ewwel pagament ghandu jsir mhux akar tard minn xahar mid-data li fiha l-hati jiskonta l-piena karcerarja li qed tigi b'din is-sentenza erogata, u ghall-dan il-fini r-Registratur ghandu jivverifika mal-awtoritajiet karcerarji din id-data. Pero jekk il-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35.00) dovut.

Inoltre, il-Qorti tordna lill-hati ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema spejjez jammontaw ghas-somma ta' mija u tlettax-il Euro u tletin centezmu (€113.30), ekwivalenti ghal tmienja u erbghin Lira Maltija u erba' u sittin centezmu (Lm48.64), li ghandhom jithallsu fi zmien sitt (6) xhur mil-lum, b'dan li jekk l-hati jonqos li jhallas dan l-ammont jew parti minnu fiz-zmien lilu preskritt, l-ammont jew il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35.00) dovut.

In vista tad-digriet ta' din il-Qorti tal-11 ta' Dicembru 2006,[9] il-Qorti mhix sejra tordna is-sekwestru f'idejn terzi persuni tal-proprjeta tal-imputat u lanqas sejra tipprojbixxi lill-imputat milli jitrasferixxi jew xort'ohra jiddisponi mill-proprjeta tieghu.

Il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga ezebita, taht is-supervizjoni tar-Registratur.

Il-Qorti tordna r-rilaxx a favur tal-imputat tal-flus ezebiti u tal-vettura Peugeot 106, numru tar-registrazzjoni VBA 524.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM--------------------------------

[9] Ara fol. 60 tal-process.